# Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Giovanni M Grixti LL.M., LL.D

Appell Nru. 162/2021

**Il-Pulizija**

**(Spettur Sarah Magri)**

**vs**

**Klesia Marie Gatt**

Seduta tal-15 ta' Ottubru, 2021

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni dedotta kontra Klesia Marie Gatt, detentrici tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 323585M, quddiem il-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli nhar l-14 ta' Marzu 2020, ghal habta ta' 19:00hrs u l-15 ta' Marzu 2020 ghal habta ta' bejn 17:00hrs, fil-Gzejjer Maltin irrifjutat li taghti access lil wild taht il-kustodja taghha lil Joseph Falzon, hekk kif ordnat mill-Qorti jew hekk kif marbut bil-kuntratt minghajr raguni xierqa.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-24 ta' Mejju 2021, li biha sabet lill-imputata

hatja ta' l-imputazzjoni migjuba fil-konfront taghha u kkundannatha ghal hlas t'ammenda ghas-somma ta' tmienja u hamsin euro u tlieta u ghoxrin centezmu (€58.23);

Rat ir-rikors tal-appellanta Klesia Marie Gatt, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fit-8 ta' Gunju 2021, li bih talbet lil din il-Qorti **thassar** u tirrevoka sentenza appellata u tilliberaha  min kull htija u piena, jew **tirriforma** s s-sentenza billi tikkonferma l-htija filwaqt li thassar u tirrevoka l-parti tal-piena u tinfliggi piena aktar ekwa u gusta;

Rat id-dokumenti kollha esebiti u t-traskrizzjoni tax-xiehda moghtija quddiem l-ewwel Qorti;

Semghet lill-partijiet;

Rat il-fedina penali tal-appellanta pprezentata mill-prosekuzzjoni fuq ordni ta' din il-Qorti;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat:

1. Illi l-appellanta tillanja s-sentenza tal-ewwel Qorti b'zewg aggravji dwar l-apprezzament tal-provi u iehor dwar il-piena kominata. Fl-ewwel gravam l-appellanta tikkontendi illi hija provdiet raguni xierqa ghall-azzjoni taghha u fit-tieni gravam tallega sejbien ta' htija bazat fuq data zbaljata tal-incident. L-appellanta hija mputata bil-kontravvenzjoni ravvizata fl-artikolu 338 (ll) tal-Kapitolu 9 tal-ligijiet ta' Malta li jipprovdi li huwa hati ta' kontravvenzjoni kontra l-ordni pubbliku kull min "**meta ordnat jew ordnata mill-qorti jew kif marbut jew marbuta bil-kuntratt biex jaghti jew taghti access lil wild taht il-**

**kustodja tieghu jew taghha, jirrifjuta jew tirrifjuta li jaghmel jew taghmel hekk minghajr raguni xierqa**";

2. Illi minn dan is-subartikolu huwa minnufih evidenti illi kontra bosta mill-kontravvenzjonijiet ipotizzati f'dan l-artikolu u kontra n-natura li ssawwar il-kontravvenzjoni, dik hawn kontemplata tammetti d-difiza tal-intenzjoni ossia n-nuqqas taghha fil-kommissjoni tar-reat u dan billi taghti lill-imputat jew imputata l-possibilita' li tipprova li kellha raguni ghaliex ma timxix mal-ordni tal-qorti jew mal-obbligu kontrattwali. Jokkorri ghalhekk li jkunu ezaminati l-provi mressqa ghal-kunsiderazzjoni tal-ewwel Qorti. Mit-traskrizzjoni tax-xiehda ta' din il-kawza li nstemghet flimkien ma' tnejn ohra, appelli numru 163 u 164 tal-2021, jemergi illi Joseph Falzon xehed illi l-access hu regolat permezz ta' kuntratt bejn il-partijiet. Fiz-zewg dati ndikati mertu tal-imputazzjoni, l-imputata rrifjutat li ttih access ghal binhom ghaliex ommu kienet ghadha kemm waslet lura mill-Portugal u ma rieditx tesponih ghall-marda tal-Covid meta hu ma jghix ma' ommu, la kellu kuntatt maghha wara li waslet mill-Portugal u lanqas binha ma kellu kuntatt wara li inghata l-access gimgha wara meta f'dak iz-zmien l-imputata kienet tghix mas-sieheb taghha flimkien ma' ommu u missieru;

3. WPC 189 xehedet per via ta' affidavit dwar ir-rapport maghmul mill-kwerelant u fih hemm dak rakkontat minnu quddiem l-ewwel Qorti li l-imputata ma rieditx ittih access ghall-ibnu peress illi omm l-kwerelant kienet tinsab fi kwarantina wara li giet lura mis-safar kif ukoll li l-istess ufficjal ghamlet kuntatt mal-imputata u wara li inghatat id-dritt li tkellem avukat stqarret ir-raguni ghar-rifjut taghha;

4. L-imputata xehedet illi f'dawk il-granet kienet saret taf minn binha li nanntu kienet siefret u baghtet messagg lill-kwerelant sabiex tikkonferma dan peress illi ommu tghix fl-istess blokka tal-familja fir-Rabat. Qabel il-marda Covid, l-imputat kien qed jigbor lill-ibnu b'mod regolari minn Haz Zebbug u waqt il-marda sad-data li xehedet kien qed jigbru jew minn Haz- Zebbug jew mill-villegjatura tal-genituri tas-sieheb taghha. Inoltre f'dik il-gimgha sal-gurnata li xehedet kienet ghadha tiltaqa' mas-sieheb taghha. ;

5. Issa, l-ewwel Qorti sabet htija fl-imputata ghall-fatti kif esposti fic-citazzjoni u ghalhekk huwa dezunt li qieset li din ma kienitx raguni sufficjenti sabiex ma tonorax l-obbligi kontrattwali taghha. Din il-Qorti hi tal-istess fehma u tqis li l-ewwel Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghal dik il-konkluzzjoni ghaliex dik ma kienitx *raguni xierqa* biex iccahhad lill-missier mill-access ghall-ibnu. Huwa minnu li f'dak iz-zmien kien hemm hafna incertezza dwar l-estremi tal-marda Covid izda l-appellanti ma ghamlet xejn biex taccerta ruhha li kien hemm xi perikolu li thalli lill-binha jiltaqa' ma' missieru meta hi stess kienet qed tara lis-sieheb taghha li jghix ma' ommu u missieru u fl-istess waqt tara lill-ommha u missierha li jghixu ghal-rashom. Lanqas ma jirrizulta li staqsiet xi prekawzjonijiet kienu ser jittiehdu sabiex binha ma junx espost ghall-marda bhal per ezempju jekk kienx sar kuntatt bejn l-kwerelant u ommu u li jaccertaha li ma kienx ser ikun hemm kuntatt wara l-wasla taghha mill-Portugall. Ghalhekk dan l-aggravju qed ikun michud;

6. Fit-tieni gravam, l-appellanta tressaq l-argument illi fl-ahhar parti tal-motivazzjoni tas-sentenza taghha l-ewwel Qorti taghmel referenza ghall-biza' u rifjut li kien jirrigwarda d-dati tal-14, 15, 17 u 19 ta' Marzu, 2020 u dan johloq dubju fuq il-motivazjoni ta' htija. Dan l-aggravju, izda, hu destinat li jfalli ghaliex kif gia indikat supra, din il-kawza

insetemghet flimkien ma' tnejn ohra u x-xhieda ddeponew darba ghat-tlett kawzi u huwa evidenti li fil-konsiderazzjonijiet taghha l-ewwel Qorti inkludiet motivazzjonijiet li huma komuni ghat-tlett kawzi. B'daqshekk, izda, ma hemm l-ebda incertezza. Tenut kont tan-natura sommarja tal-kawza, l-ewwel Qorti ma kellha l-ebda obbligu li taghti il-motivazzjonijiet taghha u ghalhekk meta inkludiet il-motivazzjoni ghas-sejbien ta' htija fil-kawzi l-ohra ma kienet qed tohloq ebda incertezza ghaliex kollox juri li l-qorti kienet qed titratta dak il-kaz partikolari konsistenti fin-nuqqas tal-imputata li taghti l-access fil-jum tal-14 u s-17 ta' Marzu 2020. L-ewwel Qorti ghaqdet kollox flimkien izda dan hu komprensibbli stante li l-kawzi instemghu flimkien. L-importanti hu li ma attribwietx ragunijiet ghall-fatti estranei ghas-sejbien ta' htija. Anke r-rikors tal-appellant jirreferi ghall-fatti dwar id-9 ta' Frar 2020 fejn l-appellanta kienet mixlija li naqset milli taghti access ghall-attivita' tal-futbol tat-tifel u ma jissemma xejn mill-fatti ta' din il-kawza. B'daqshekk ma jirrendix l-appell null jew incert;

7. It-tielet aggravju jirrigwarda l-piena erogata mill-ewwel Qorti konsistenti f'ammenda ta' €58.23. Din, izda, hija fil-parametri tal-ligi *qua* kontravvenzjoni u ma hemm xejn x'jiddimostra li din kellha tkun anqas minn dik erogata u li d-diskrezzjoni ezercitata mill-ewwel Qorti kwantu l-piena kominata ghandha tkun sostitwita bid-diskrezzjoni moghtija lil din il-Qorti f'dan l-istadju ta' revizzjoni;

8. Ghal dawn ir-ragunijiet, l-appell qed ikun michud.